# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

17. | 26 TA' DICEMBRU 1908. | L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Gioanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## Il Prof: MANCHÈ

Dana it-tabib m'hux biss hu l-aħjar ŭieħed għal mardijiet ta'l għajnejn iżda hu ucoll ŭieħed m'il ftit patriotti tasseŭ li għandu il pajjis; m'hux minn daŭc li jmorru jgħajtu f'it-triekat u f'il pjazez li jħobbu lil art tŭielidhom, iżda minn daŭc li jaħdmu f'id-dell basta jafu li kiegħdin jagħmlu chemm jistgħu biex lil pajjishom imexxuh il kuddiem.

Il poplu ftit jeŭ xejn jaf chemm ħadem għalieh dana il bniedem tal kalb tajba u għalecc xtakt illum ingħid xi ħaġa żgħira jiena ħalli il poplu jitgħallem iħobbu u ħalli jibka ibierec ismu sa ŭara meŭtu.

Dana il bravu professur iħobb ŭisk in-nies ta's-sengħa u jixtiek ħafna li jarahom mexjin il kuddiem u dana b'ir-raġun collu għaliex hu bin is-sengħa ucoll u missieru chien ŭieħed m'il l-akŭa argentieri li chellna u ix-xogħol ta'l filagranu li chien jagħmel għadu imfaħħar u imfittex sa'l-lum. Dana jagħmel unur cbir lil Professur Manchè l-eŭŭelnett għaliex minn bin is-sengħa bl-istudju laħak Professur fl'Università u Curunell ta' Riġment, u għamel l-isbaħ figura meta mar f'xi Congressi barra minn Malta, u imbagħad għaliex f'loc ta b'is-siek l'in-nies ta's-sengħa bħal ma jagħmlu xi cheħin li jaħbu ulied min huma baka dejjem iħobb u igħin in-nies ta's-sengħa u l-ebda bniedem fkir għadu ma mar ŭara biebu li ma sabx ruħu iccurat b'il ħniena collha, u dana jixħdu l-Istitut il ġdid għal mard ta'l għajnejn li fetaħ il Ħamrun f'id-dar ta'ċ-Ceresin fejn jiccura b'xejn lil cull min hu fkir.

F'numru ieħor incompli biex nitħaddet fuk ıt-tieni proposta li chien għamel il Professur Manchè fl-istess discors li semmejt fuk il bżonn li jinħolku xi taxxi fuk il Manifatturi ta Barra biex l'industriji li jinbtu fMalta jcunu jistgħu jieħdu ir-ruħ u jimxu il kuddiem.

# Il Mistoksija oħt il Għerf

**Tasseŭ li haŭn Mużej ta'l francobolli ?** (A. B. Il Belt.)

Iva. Fi Vienna hemm Mużeŭ ta'l bolli ta'l ittri li fih ġabra ta' xi 100,000 ŭaħda, fosthom hemm rari ħafna daŭc li chienu jitŭaħħlu fuk id-dispaċċi ta'l gŭerra ta' Franza ma'l Germanja ta'l 1870-71.

**Liema hu l-aħjar rimedju biex tekred in-nemus mi'l camra ta rkad ?** (A. M. Il Belt.)

Hu biċċa ganfra kiegħedha f'għatu ta'l landa u saħħanha fuk lampa jeŭ becc ta'l gass b'mod li ma takbatx. In-nemus malli jxomm dac id-duħħan jaħrab u ma jarġax l-ura ħlief ŭara ħafna siegħat.

**Tasseŭ li f'loc l-Esperanto ħarget lingŭa ġdida li jisimha "Ido" u li dina trid tŭakka l-Esperanto ?**

Le, l-*Ido* ma hix lingŭa ġdida u lanka ma trid tŭakka l-Esperanto. L-Esperanto u l-Ido huma ħaġa ŭaħda għaliex l-Ido ma hux ħlief l-Esperanto imseŭŭi u jmsoffi m'il l-isbalji li chien fih. Zamenhof xi seba snin ŭara li ħareġ l-Esperanto intebaħ li chien hemm ħafna ħŭejjeġ x'iseŭŭi u dana kalu u stampah; iżda ħafna m'il l-Esperantisti ta' dic il ħabta ma riedux jafu b'tibdil u għalecc Zamenhof biex ma jaklax tixŭix ħalla collox miexi chif chien. L'Accademja li ħolkot l-*Idiom Neutral*, u li hi magħmula m'il fjur ta'l lingŭistita'l Eŭropa u t'al America u li għandha bħala President il famus Rosenberger ŭara għoxrin sena studju sħieħ compliet ŭriet id-difetti ta'l Esperanto. Il għaref Dr. Molenaar b'il *Panroman* jeŭ *Universal*, il Professuri Peano, Coŭturat, Leau, Schuchardt, Jespersen, Ostwald, u tant irjus qŭadri oħra ureŭ ċar li biex l-Esperanto jista jcun hu il-lingŭa internazzjonali hemm bżonn li jintaġar m'il ixtur li għandu. Il għaref De Beaufront, biex isalva l-Esperanto, seŭŭieh u semmieh *Ido*, u dana l-Esperanto irriformat giè milkuh minn Delegazzjoni li tirrappresenta ma's 730 accademiji u universitajjiet u li il cumitat tagħha hu magħmul m'il fjur ta'l lingŭisti ta'd-dinja. Jiena bi ħsiebi ŭara li ngħallimcom l-Esperanto chif ħolku Zamenhof, infehimcom ucoll f'iex sejjer isir dana it-tbiddil biex taraŭ bħali li min irid ibiddel, u l-eŭŭel ŭieħed chien Zamenhof stess, għandu raġun biex ibih. Hemm xi esperantisti li għad li jaraŭ b'għajnejhom u jmissu b'idejhom l-iżbalji ħoxnin li fih l-Esperanto ma jridux jafu b'ir-riformi li fih l-Ido; u dina chienet ŭaħda m'ir-raġunijiet li nafru għalija l-Esperantisti ta' Ta's-Sliema, allievi tiegħi, u li issa, chif smajt, nafru għal De Beaufront, li chien Patrun ta'l Grupp, u li sgradaŭh ucoll. Il Marchis De Beaŭfront hu ŭieħed m'il l-akŭa lingŭisti ta'd-dinja u l-akŭa colonna ta'l Esperanto. Meta mela messni xortieh għandi b'iż-żejjed biex nistabar. Il forza katt ma chienet raġun u juża il forza biss minn ma jcollux raġun. Jecc Zamenhof stess ra l-iżbalji tiegħu u ried ta' galantom iseŭŭihom, chif jistgħu ma jaraŭhomx u ma jridux iseŭŭuhom xi Esperantisti?

Mela l-*Ido* hu biss l-*Esperanto riformat* igifieri l-Esperanto imnokki m'il iżbalji li chien fih tant m'il l-istess Zamenhof chemm ucoll m'il fjur ta'l-lingŭisti ta'd-dinja. Mela min iżomm mal'l-*Ido* jcun baka Esperantista u jecc jirbaħ l-*Ido* jcun rebaħ l.Esperanto ta' Zamenhof biss imlibbes aħjar u actar addattat għal fejn irid jilħak u jasal.

Il macna ta'l vapuri bdeċha Fulton u Watt. Chieců l-inginjieri li geŭ ŭara ŭaħħlu f'rashom li ma jridux jipperfezzjonaŭha chiecu il macna ŭaslet f'il progress li hi? Sata katt Zamenhof joħlok m'il l-eŭŭel ħaġa perfetta? Kalu hu stess li le. Mela jecc collox f'id-dinja jimxi u jisseŭŭa għala l-Esperanto biss għandu jiekaf bħal ħmar ta' Balaam u ma jridx jipperfezzjona ruħu? *Restado estas morto, progresado estas vivo.* (Min jiekaf imut, min jibka miexi igħix). Għalecc jien ridt nimxi ma' Żamenhof, Beaufront, Couturat, Leau, Ostwald, Jespersen, Peano, u sħabhom u ma ridtx nistalla ma xi Esperantisti ta' Ta's-Sliema, u iż-żmien, li hu itŭal m'iz-zalżett għad jatini raġun.

# IL FLOTOT MERCANTILI.

Sejjer ingib il għadd ta'l vapuri li għandhom l-akŭa Cumpanniji ta'd-dinja bħal ma baghtithomli is-Sinjura Vella u nitma li l-imsieħbin li huma f'il cummerċ jieħdu pjacir.

| | |
|---|---|
| African Steamship Co. | 30 |
| Allan Line | 29 |
| American Line | 16 |
| Anchor Line | 24 |
| Atlantic Transport Co. Ltd. | 18 |
| Austrian Lloyd. S. N. Co. | 66 |
| Bibby Line | 7 |
| Booth Line | 31 |
| British and African S. N. Co., Ltd. | 103 |
| British India S- N. Co. | 120 |
| Buckwall S. S. Lines, Ltd. | 25 |
| Canadian Pacific Railway | 48 |
| Chargeurs Reunies | 39 |
| China Mutual S. N. Co., Ltd. | 60 |
| City Line | 22 |
| Clan Line | 48 |
| Compagnie Generale Transatlantique | 58 |
| Compagnia Transatlantica | 23 |
| The Cunard Steamship Co., Ltd. | 22 |
| Dominion Line | 14 |
| Donalson Brothers | 14 |
| Elders o Fyffes, Ltd. | 13 |
| Ellerman Line | 84 |
| Federal Steam Navigation Co., Ltd. | 11 |
| Farward Brothers and Co. | 3 |
| General Steam Navigation Co., Ltd. | 25 |
| Helen Line | 9 |
| Hamburg-American Line | 157 |
| Hamburg South American S. S. Co.- | 31 |
| Hansa Company | 59 |
| Harrison Line | 40 |
| Holland-American Line | 8 |
| Houlder Bros. and Co., Ltd. | 14 |
| The Haustan Line | 25 |

| | |
|---|---|
| International Mercantile Marine Company | 129 |
| Johustan Line | 19 |
| Kosmos Company | 35 |
| Lamport and Halt Line | 29 |
| Leyland Line | 44 |
| William Lund | 6 |
| Manchester Liners, Ltd | 14 |
| Messageries Maritimes de France | 76 |
| The Moor Line | 25 |
| Natal Line | 16 |
| Navigazione Generale Italiana | 108 |
| The Nederland Line | 20 |
| New Zealand Shipping Co. | 14 |
| Nippon Yusen Raisha | 75 |
| Norddeutscher Lloyd | 118 |
| Orient Royal Mail Line | 9 |
| The Ottoman Steamships Co., | 44 |
| Pacific Mail Steamships Co., | 18 |
| Pacific Steam Navigation Co., | 49 |
| Peninsular and Oriental Steam N. Co., | 58 |
| Prince Line | 40 |
| John T. Rennie Son and Co., Abderdeen Line | 10 |
| Rotterdam Lloyd | 15 |
| The Royal Mail Steam Packet Co. | 42 |
| Shaw Savill and Albion Co., Ltd | 12 |
| The "Shell" Transport and Trad. Co., Ltd | 16 |
| The Union-Castle Line | 37 |
| Union Steamships Co. of New Zealand | 57 |
| Det Forenede Dampshibs Selskab | 118 |
| Andrew Mier Co. | 38 |
| White Star Line | 28 |
| Wilson's Line | 89 |
| Deutsch-Australische | 29 |
| Adria Sea Nav Co. | 44 |
| Axel Brostrom and Son | 25 |
| E. Aznar y Tutor | 17 |
| Bombay and Persia S. N. Co., Ltd. | 14 |
| Brunsgaard Kjosterud and Co | 15 |
| China Merchants S. N. Co | 30 |
| F. S. Ciampa e Gigli | 14 |
| Compagnie du Nord | 20 |
| Compagnie Havraise | 11 |
| Compania Sud Americana | 20 |
| Cyprien Fabre et Co. | 12 |
| Adolf Deppe | 19 |
| Deutsch A Petroleum Co. | 18 |
| Deutsch Levante Linie | 30 |
| Deutsche Ost-Africa Linie | 22 |
| Heinrich Diederichsen | 12 |
| Empreza Nav, Co. | 18 |
| Gerolimich and Co. | 9 |
| Traawaddy Flotilla Co., Ltd | 128 |
| Moss SS. Co., Ltd | 13 |
| Pittsburg Steamship Co. | 100 |
| Raeburn and Verel | 8 |
| Sota y Aznar | 24 |
| D. Tripcovich | 10 |
| La Veloce Nav. Italiana | 12 |
| W. Wilhelmsen | 30 |
| Woermann Linie | 46 |
| Ybarra and Co. | 24 |

Il Cajr, 21 - X - 08.

EGIZJA VELLA.

# FAVUR U CUNTRA

In-Naxxar,
19 ta' Dicembru 1908.

Ghaziz habib tieghi,

Ma tistax tahseb b-liema pjacir cbir ircevejt in-"Nahla" tant sabiha tieghec u li ghogbitni uisk m'hux biss ghaliex hi mictuba tajjeb u fiha hafna taghlim mehtieg ghal poplu izda ucoll ghaliex hi gazzetta li tahdem ghal gid ta' pajjisha, ta'r-Religjon u ta's-Seuua. Ghaldakstant in-"Nahla" tieghec tista timrah fidejn cullhadd ghaliex taghmel hafna gid.

Ghandi tama kauuija li in-"Nahla" tieghec tati dakka ta' harta seuua lil dauc il hafna gurnalacci u rumanzi hziena li kieghdin issahhnu l-irjus u ihassru il klub ta' hafna zghazah u l-actar ta'x-xebbiet. Ghaldakstant ghoddni bhala imsieheb u fittex ibghatieli ghaliex incun kieghed nistennieha bi hrara cbira.

Inuieghdec ucoll li nahdem chemm nista biex inxerridlec il gazzetta tieghec ghaliex, chif ga ghedtlec, in-"Nahla" ma tistax hlief tghallem u taghmel il gid.

Il habib ta'l kalb
SAC. FORTUNAT DEBONO
Missjunarju.

# GHA'N-NISA.

Lil M. B. (Sliema.)

Tixtiek taf ghala il pjanti li ghandec f'il ksari jisfaru u jmutulec u jecc tistax taghmel xi haga biex issalvahom; u jiena sejjra inuieghec m'il kahjar li naf.

Hadt pjacir uisk meta ghedtli li thobb hafna il fjuri u li thobb izzomm darec imzejjna b'il hdura. Cull mara li ghandha kalb gentili ghandha thobb lil dana il holkien tant sabih t'Alla u li fieh ried juri is-setgha cbira tieghu. Il fjuri ma jkumux hlief ftit flus u l-ebda haga ma tisbokhom gha'z-zina ta'd-djar; u inhoss kalbi tintghasar meta nghaddi m'it-torok ta'l irhula u ta' l-ibliet taghna u ma nilmahx actar dac il kronfol jixxeblec barra m'it-tieka u dauc il gallarijiet micsija b'il fjuri. Hobb mela il fjuri u zejjen darec bihom chemm tiflah u tghaxxak b'il hniena u is-setgha t'Alla li taghhomlna biex ifarrgilna ftit ix-xeuc ta'l hajja.

Okghod b'ghajnejc miftuha izda li ma trakkadhomx b'il maghluk mieghec ghaliex m'hux biss jixorbulec l-ossigenu ta'l arja li jcolloc u ghalecc taghmel hsara f'sahhtec izda ir-rieha ta' xi fjuri hi velenusa u m'hux l'euuel darba gara li sabu nies mejta f'soddithom li rakdu maghluka ma'l fjuri. Jecc

## INGHINU L-ARTISTI MALTIN.

Sur Direttur,

Dal ġranet ammirajt vara tal cartapesta grazzjusa ferm "Is-Sacra Familja," maħduma miż-żagħżuħ Ġorġ Falzun li għandu l'istudju tiegħu fi Sda: San Giovanni, No. 67 il Ħamrun. Dana għal żmien tŭil chien alliev tas-surmast Vincenz Cremona ta Tas-Sliema, li hu biż-żejjed magħruf f'Malta.

Din il vara hi l'eŭŭel xogħol ta dana il ġuvni artist. Ix-xogħol hu eżatt f'cull ħaġa li titlob is-sengħa (chif kal cull min jifhem f'din is-sengħa tant sabiħa); imma l'actar ħaġa li tolkot lil cull min jaragħa, jifhem jeŭ lè, hi l'espressjoni ta ŭiċċ il Madonna u ta ŭiċċ San Ġużepp li kiegħdin jitgħaxxku bil Bambin Gesù. Il vara hi għolja xi erba piedi u giet lilu iccumissjonata mis-Surmast L. Billion ta Tas-Sliema. għal Cappella li għandu fl'iscola tiegħu. Is-Sur Billion, ta bniedem intelligenti li hu, għaraf għażel żagħżuħ attent ŭisk għas-sengħa u, li jipprometti ferm, u nitma li ħareġ cuntent bix-xogħol li sgur iżejjinlu il Cappella sabiħa li għandu. Għaldakstant naħseb li inti, sur Direttur, bħala bniedem li dejjem fittixt li tgħaddi il kuddiem lil artisti maltin, takdini billi iġġib dan l-articolu biex forsi jisŭa ta gid lil żagħżuħ malti li jrid jibda it-triek f'is-sengħa tiegħu.

Fil ħin li nirringrazzjac għoddni dejjem bħala is-serv fidil tiegħec,

O. LUBRANO.

Ħamrun, 21 ta Dicembru 1908.

★

## FRAC.

Is-Sur Cortis, il bravu Direttur ta'l Culleġġ "Antonio Bosio" ta' Ta's-Sliema għamel Conferenza sabiħa f'is-Sala ta' Università fuk *L-eŭŭel cant ta'd-Divina Commedia ta' Dante* u li għaliha kala ħafna tifħir; u ħafna tifħir ucoll kala l-intelligenti Prof: Bartoli ta'l Conferenza li għamel fl'istess sala, fuk "*Leŭŭel innu ta Pindaru.*"

***

Ħakkhom ucoll ħafna tifħir is-Sinjura Clapp u is-Sinjurina Zammit ta'l Isptar li kiegħdin jibnu f'Ta-s-Sliema u li m'il bini tiegħu, intriga bi pjacir, is-Sur Alfons M. Galea, li dejjem issibu cull fejn icun sejjer isir xi gid jeŭ xi carità.

***

Nirringrazzja lil dana is-Sinjur ucoll ta'l ctieb sabiħ, Nu 78, ta'l "Mogħdija ta'ż-Żmien" mictub minn Dun Ġużepp Farrugia u imsejjaħ 'Tini xortija u itfagħni il baħar.' Nitma li dana il ctieb bħal l-oħrajn jinħataf chif ħakku.

***

Smajt li il presentazzjoni ta'l Istandard f'il Casin S. Paŭl ta' Rabat irnexxiet ferm u li intgħoġbot ħafna l-uniformi il ġdida. Nifirħilhom b'il kalb collha u nixtiekilhom li jimxu dejjem il kuddiem.

***

Lil daŭc collha li għoġobhom jixtieku lili u l'in-"Naħla ħajja tŭila nirringrazzjahom b'il kalb collha u lilhom nixtiekilhom dac collu li tixtiek kalbhom. In-"Naħla" miexja b'ir-rieħ in poppa u dana hu il ftit għasel li kiegħdin induku minnha fost tant taħbit u csir-ir-ras. Mela lil l-imsieħbin tagħna collha nixtiekilhom **is-sena li ġejja mimlija collha saħħa u risk.**



# IS-SAĦĦAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

II.

IL ĦARBA TA' CARMENA.

Ja Mħabba għad li ilec issaltan fuk il kalb ta'l bniedem m'il ħolkien ta'd-dinja u cull ma haŭn sar bic u mħabba fic minn katt jista jifhmec? Dakka tgħollieh fl'actar ħŭejjeġ sbiħ bħal ma għamilt ma' S. Frangisc t'Assisi, ma' Sta: Teresa u ma' Gŭanna D'Arco, u dakka tŭakkgħu fl-actar degħbien icreħ ta' kerk u ta' ħżunija bħalma għamilt bi Frine, b'Messalina, b'Ġŭanna ta' Napli u b'Eliżabbetta ta'l Inghilterra!

U issa ħtaft ġo'l ħacma chiefra tiegħec lil dina l'imsejcna Carmena li fettet kalbha u għarrket saħħitha f'takbida kalila magħha infisha, bejn id-dmir tagħha lejn il familja u lejn l-isem u il gieħ tagħha u bejn l-imħabba kaŭŭija li għaraf nissel f'kalbha il karrieki De Saqueville.

Ŭara dac il lejl kalil li kattgħet ittalla u tniżżel fuk il cliem ħelu li chien chitbilha il Cavalier, ŭara il chedda ħarxa li tagħa ħuha Ambroġ, ŭara il kasma ta' kalb li ġarrbet meta semgħet dac collu li kallha ħuha fuk il ktil chiefer t'ommha u ta' Dun Matt, issa sabet ruħha f'chedda oħra, f'takbida oħra kalila bejn kalbha imfaŭŭra bl-imħabba u id-dmir tagħha lejn il familja.

Ambroġ x'ħin chien nieżel it-taraġ imgħaġġel biex imur għand Marija iltaka, chif għidt kabel, ma' Ħamid tiela, u ħass dic il faŭra tielgħa għal rasu billi kalbu ħabbritu li dana il kaddej chien mixtri biex jagħmel ħsara lil familja Falzun. U hecc chien. Il Cavalier ftiehem ma' Petrozz u dana ra chif għamel u baxx baxx daħal damma ma' Ħamid u beda jxaħħmu u beda jħajjru biex igħinhom ħalli jsraŭ chif jagħmlu biex iħarrbu lil Carmena. Ħamid billi chien maħbub ħafna f'id-dar ta'l Ħachem u billi trabba magħhom minn tfulitu u lil Carmena min jaf chemm benninha u ħarigħa għaliex trabbiet, tista tgħid, f'idejh, ma riedx jati l-ebda ŭiden għal dac li chien kiegħed isefsifli il karrieki Petrozz, iżda daŭŭar minn haŭn u għaŭŭar minn hemm fl'aħħar beda jŭassal xi ittra lil Carmena u baka ftit ftit jiżżerżak sa chemm sab ruħu imbixchel f'il basla bħal Petrozz u Calanġ; u taħt il ħsieb li il Cavalier ried jiżżeŭŭigħa u billi chien jara lil Carmena mitlufa dic it-telfa collha għal De Saqueville, ma raħa xejn bi cbira li jgħin palata biex Carmena taħrab u b'hecc Ambroġ u il Ħachem icollhom igħidu iva u jżeŭŭġuha ma'l Cavalier.

Għaldakstant billi dac il lejl chellu jmur għand De Saqueville biex ma' Petrozz u Calanġ jiftiehmu fuk chif chellha issir il ħarba ta' Carmena, meta mar il Birgu sab lil Cavalier mixħut għal mejjet f'soddtu jocrob chemm jiflaħ b'il ferita

li chellu fi spalltu. Ŭenza is-seftura chienet imdaħħla f'kox-ritha u mibluha għaliex ma setgħetx tifem x'ġara, biss malli kalet lil Cavalier li ġiè Ħamid ratu ħa ir-ruħ u genninha biex tfittex ittellgħu ħdejh. Malli tala, kallha biex titbok il bieb ŭarajha u tokgħod isfel. Hecc chif sab ruħu ŭaħdu ma' Ħamid kallu fi ftit cliem x'ġara u talbu m'il l-actar fis li jircheb iż-żiemel tiegħu, jmur għa't-Tabib Borg chischnijiet, u jibka sejjer ilebbet San Paŭl ta't-Targa biex jara x'sar minn Petrozz u minn Calanġ, għaliex ma dehru xejn u chien kiegħed italla u jnizżel x'sar minnhom, u ŭiddbu li m'il l-actar fis jarġa jigi għaliex kabel jisbaħ seŭŭa ried jibagħtu malajr band'oħra. Ħamid hecc għamel, mar għa't-tabib u lebbet lejn in-Naxxar. It-Tabib Borġ ġiè malajr billi ma chienx jokgħod f'il bogħod, deŭŭieh u kallu biex ma jċak-lakx driehu għal ftit ġmiegħi billi chellu bidu ta' netħa. De Saqueville kallu li issara ma Cavalier ieħor u billi it-Tabib chien jaf li sicŭit il Cavalieri chienu jissaraŭ bejniethom fuk nisa jeŭ logħob xejn ma raha bi cbira. Kallu li l-agħda chellu jarġa jmur biex jara chif għadda u ħareġ.

Għad li it-Tabib ŭiddbu li ma jċaklakhiex De Saquevil-le iżda chellu bżonn jicteb ittra ta' ħtieġa cbira, ried isseŭ-ŭeb b'xi mod il vendetta ta' kalbu contra Ambroġ talli għamillu dic il biċċa hecc cherha, u għalecc sejjaħ lil Uenza geghilha tneŭŭillu dac li jinħtieġ biex jicteb, f'ħoġru, fuk is-sodda, u m'il l-aħjar li sata chiteb ittra lil Carmena fejn b'ħafna cliem ħelu u b'ħafna tħannin kallna li kabel ma jmut bħal chelb ŭaħdu jixtiek jaraha l-aħħar darba, jixtiek jaħilfilha li l-imħabba tiegħu lejha chienet safja u li xtiek biss li jkatta ħajtu ħieni magħha. Kallha li hu biss ried jaraha għal ftit ħin, li Ħamid chellu jŭassalha sa għandu u ŭara li jħaddanha għal l-aħħar darba miegħu jarġa jibgħata, bla ħadd ma jintebaħ, lankas in-nies ta'd-dar, l'Imdina. Kal-lha ucoll li hu jibża għal gieħha daks ħuha u li ma riedx li ħadd biss isemmi akkal m'il l-isem tagħha u li jecc ħuha ħarrfilha xi ħaġa ma temmnux għaliex chien jobgoħdu għal meut u li hu malli tigi jfehimha aħjar x'chic... il biċċa u li ħu ġiè imdaħħal f'nassa bla ma chellu ħtija ta' xejn għaliex it-tir chien ta' Cavalier ieħor ħabib tiegħu u li dnubu biss chien li għinu biex jati dakka ta' ħarta lil Ambroġ talli chien tant contra tiegħu u talli ried b'il fors jisfratta l-imħabba tagħhom. U b'ħafna cliem ħelu u b'ħafna tpaspir li għaraf b'tant għakal u ħiena jakla minn rasu chien sgur li Carmena temmnu, tmur għandu chif kallha, u x'ħin il għasfur jidħol ġo'l kafas jagħlaklu il bieba u jibka taħt difrejħ.

Kagħad jixtarr il pjacir ta'l vendetta tiegħu u ir-ragħŭa ta' Ambroġ meta jara li għad li ħeles m'il miżjeb lil Marija, ŭeħlet Carmena f il kattara u li bejn Carmena Falzun u Marija Inguanez ma chienx hemm ŭieħed x'jitmeżmeż għaliex it-tnejn chienu imsemmija ma'l-Imdina collha chif iddur għal ġmiel u għal ħleŭŭa tagħhom.

*(Jissocta)*

# LOGHOB.

## XARADA.

Jecc b'elf ngħoddu lil ta' l-*eŭŭel*,
B'ŭieħed ngħoddu lil tat-*tieni*;
Għodd lit-*tielet* b'ħamsin oħra,
U l-*intier*, tcun tafu cmieni.

PAX.

GHIDLI X'JIEN ?

Fejn tarani kiegħed lili
Seŭ merfuħ, seŭŭa fl'idejn,
Dejjem jien ninsab imsallab,
U bla ras, biss b'il ŭidnejn;
Ħsara nagħmel għal gid tiegħec,
Għalecc inti tridni miegħec.

PAX.

# Indovinalji.

Cont moħbija, geŭ sabuni
U'l chefrin x'fatta biċċruni;
Sa b'il ctajjen daŭn rabtuni
U ma l-art b'ħerra firxuni,
B'is-siek marru dlonc jirfsuni
U f'il bart bdeŭ iħalluni,
Għad li nittiechel katt ma chieluni,
Li jiena tosta spiss igħajjruni,
Għad l'jiena mejta katt ma difnuni,
F'il bliet u rħula spiss issibuni;
Mel'jecc triduni—isaŭ fittxuni
Għa'x chif toħorġu m'id-dar tilmħuni.

R. P.

Cont ġa sirt ġuvni u cont għadni narda,
Libsa cont liebes jien ħadranija,
Ngħix cont jien m'ommi fil qŭiet u 'l hena
X'ħin geŭ serkuni u marru bija.
Dlonc għal moħkrija lili ħaduni;
Bdeŭ biex neżżgħuni dac li cont Iiebes;
Għad illi jiena sofrejt mistħija
Sirt iżjed sbejjaħ, ŭisk actar jebes.
Haŭn sinjur rani, ħa grazzja miegħi,
Jien dlonc mort miegħu biex najjutah;
Jecc joħroġ ħarġa joħroġni miegħu
Bil bosta jħobbni jien cont narah.
Ġurnata ŭaħda għac-dŭell stednuni
Biex inħabbatha jien m' ieħor jiflaħ,
Sidi telakni, mar u ħallieni
Mixħut fl-art għaxi seŭ f'nofs ta misraħ.
Mad-dbexbix seŭŭa Dolor sabitni;
"X'ŭaħda ħej ġrali," f'kalbi għedtilha.
Meŭt ħarxa tatni, fost cbar turmenti,
Il cafè jiena mort sajjartilha.

GIUS: SCIBERRAS.

It-tifsir jista jinbagħat sa l-aħħar ta's-sena.

Bejn daŭc li jfissru seŭŭa il-logħbiet collha intellgħu, b'ix-xorti, DIZZJUNARJU INGLIZ u TALJAN, illegat f'żeŭg vo-lumi cbar, sabiħ ŭisk. L-oħrajn li jcunu fissru ucoll il-logħbiet collha jieħdu romanz bl-ingliż jeŭ b'it-taljan. Min ifalli logħba ŭaħda u jgib l-oħrajn jieħu ctieb ta'l "Mogħ-dija ta'ż-Żmien." Il premji jeħodhom biss min hu imsieħeb u ħallas ġa l-abbonament.

# TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

Ix-xarada ta'n-Nru: 15—BAN - CHINA.

Fissruha tajjeb:— I Testaferrata-Bonnici (Il Belt); Salv: A. Muscat (Ħamrun); L. Ellul (Ħal Chircop); F. Scicluna (Ħal Kormi); Ġorġ Darmanin (L-Isla); S. Navarro (Il Belt); F. Said (Tarxien); C. Abela Hyzler (Sliema); Marija Croce Schembri (Sliema); G. B. Attard (Imghieret); G. Żarb Cousin (Il Belt): A. Farrugia (L-Imdina); Gna: Pandolfino (Sliema); Edy Mula (Sliema); C. Cassar (Bormla); Giuseppina Pace (Sliema); Lily Diacono (Sliema); Gno: Grixti (Gudja.)

## Lil l-Imsiehbin.

Nitlob lil daŭc l-imsiehbin li għadhom ma ħallsux l-eŭŭel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daŭc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraŭ tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inŭieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol ŭisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cullħadd.

Daŭc collha li jixtieku jaraŭ xi numri ta'n-"Naħla" biex forsi jitħajjru jissieħbu jiġu l-ufficcju tiegħi u natihom b'XEJN xi numri farrada m'il l-imgħoddija. Nitlob ucoll lil daŭc li jonkoshom xi numri li jgħarrfuni għaliex da'l ŭakt jispiccaŭ u jibkgħu b'xejn.

Min jissieħeb ġdid u irid in-numri collha ta' kabel għandi mnejn natihomlu.

★

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GĦALCHEMM FIH FUK IL GĦOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGĦBARHOMX IGIBHOMLI U JIE-NA NATIEH UIEĦED MEĦJUT U LEST. IXTRUH ĦAL-LI TAKRAU CTIEB TASSEŬ SABIĦ.

A. LEVANZIN.

Is-Sur Ġużè Gatt ta' Bormla sejjer joħroġ Ġabra ta' drammi u tragedji mictuba minnu stess b'il malti. Il ħila ta's-Sur Gatt f'dana ix-xogħol hi magħrufa b'iż-żejjed u għalecc nitma li jsib ħafna imsieħbin chif jixraklu. Fosthom sejjrin jidhru: *Alido, Iż-Żeŭġ Bojjiet, Il Bravu ta Venezja, Il Maħruk Ħaj, Il Mutu Francis u l-Iben Prodigu.*

Cull faxxicolu ta' 16 il faccata jkum żeŭġ soldi u joħroġ cull gimgħa. L-eŭŭel faxxicolu joħroġ ma jdumx. Min irid jissieħeb jicteb jeŭ imur Bormla, Strada Nuova, 23.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Felic Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseŭ imur f'ic-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjah SANSPAREIL. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieh sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Trid tieħu grog tajjeb jeŭ tixrob birra u imbjjet m'ile l-aħjar? Morru għand Riccardu Spiteri ta'l "Excelsior Bar" ta' Strada Vittoria, 37, l-Isla, u taraŭ chif ma għedt xejn żejjed.

Tridu tixtru Cappel tajjeb bi ftit flus? Morru għand Toni Borġ, ta' Strada Santa Teresa, 123, Bormla u taraŭ chif terġgħu.

Min irid jinkeda tajjeb b'dentaturi maħdumin tajjeb u bi prezzijiet li jgħoddu għal cullħadd imur għand id-Dentista Ġorġ Guillaumier ta'l Imsida, Rue d'Argens, 25.

Min icun irid jiżboh xi carrozza seŭŭa u b'irħis imur għand Toni Zerafa ta' Strada Reale, 183, il Ħamrun u joħroġ jiftaħar sgur.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1 B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Min irid Birra ibbottiljata, imbejjet u Spiriti m'il l-aħjar imur għand Γeo: Cuschieri u Sieħbu, 18, Strada Porta Marina l-Isla u jibka sgur li għal qŭalita u għal prezzijiet joħroġ cuntent.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixtri xorb tajjeb u b'irħis imur għand is-Sur Ġużè Casha, ta' Strada Zecca, Nu 14, il Belt u ma jibdielux.

Il Milied u l-Istrina magħna. Min irid jixtri ġugarelli, cartolini, arloġġi u ħŭejjeġ oħra għa'r-rigali. b'irħis, imur għand James P. Griffiths ta' Strada Marina Nu 43, Bormla u joħroġ sgur cuntent.

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faccata, sabiħ ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?

Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.